**Laqgħa tal-Lokalità 2019**

Il-Laqgħa tal-Lokalità 2019 saret nhar il-Ħamis 19 ta' Settembru 2019. Il-laqgħa bdiet fis-6.25 ta' filgħaxija u kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Jorge Grech.

Preżenti għal-laqgħa kienu s-Sindku s-Sur Jorge Grech, il-Viċi Sindku s-Sinjorina Bernice Farrugia u l-Kunsillieri s-Sinjura Anna Calleja, is-Sur Joseph Agius, is-Sur Joseph Buttigieg, is-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kaptan Patrick Barbara, is-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri u s-Sur Mark Grech. Is-Sur Joseph Vella u s-Sur Angelo Scicluna kienu skużati.

Is-Sindku, is-Sur Jorge Grech, qara r-rapport tal-ħidma tal-Kunsill li sar matul din il-leġislatura kif ukoll ta spjegazzjoni dwar il-Pjan ta' Ħidma għas-snin 2019 - 2023. Wara huwa stieden lir-residenti jressqu l-ilmenti u s-suġġerimenti tagħhom.

Resident (1) semma l-bżonn li ssir *zebra crossing* fi Triq ix-Xgħajra fil-viċinanzi ta' Polymer Pharmacy għax hemm problema biex taqsam peress li l-vetturi qed jgħaddu bi speed eċċessiv.

Resident (2) qal illi l-vetturi li jkunu ħerġin minn Triq Bajada għal Triq tal-Labour m'humiex jingħataw iċ-ċans li jsuqu għal ġol-karreġġjata li tagħti lejn Triq il-Mina ta' Hompesch u għalhekk talab li jsiru traffic lights.

Resident (3):

- Talab sabiex issir tabella ta' *no u-turn* fuq is-*central strip* li hemm fi Triq tal-Labour quddiem il-ħanut tal-pastizzi għax il-vetturi li ġejjin mid-direzzjoni tal-Fgura qed iduru ma' din is-*central strip* biex joħorġu 'l barra minn Ħaż-Żabbar u qed tinħoloq problema għas-sewwieqa l-oħra.
- Qal li qed isir parkeġġ ħażin fi Triq Leli Tabone. Huwa qal li l-vetturi qed jiġu pparkjati fuq iż-żewġ naħat tat-triq bil-konsegwenza li t-trakk tal-iskart ma jkunx jista' jgħaddi.
- Talab li titneħħa *reserved parking bay* li m'għadx hemm l-użu tagħha fi Triq Spadaro.
- Talab li tiġi *resurfaced* Triq Spadaro, kif ukoll li tiġi rranġata l-bankina viċin il-ħanut tal-laħam fi Triq is-Santwarju għax sfrundat.

Resident (4) :

- Talab li jsiru *double yellow line* tul ta' metru mill-garaxx tiegħu fi Triq il-Fikus għax jipparkjawlu l-vetturi eżatt mal-bieb tal-garaxx u ma jkunx jista' joħroġ bil-vettura tiegħu.
- Talab li titneħħa reserved parking minn maġenbu.

Resident (5) :

- Talab li terġa' titwaħħal ubar li kien hemm fil-kantuniera quddiem id-dar tiegħu fi Triq il-Kaħwiela.
- Talab li tiġi rranġata Triq il-Kaħwiela, il-parti li tidħol minn Triq Santa Marija, għax iżomm kwantita' ta' ilma tax-xita u qed jidħol fir-residenzi.
- Talab li jiġi rranġat iċ-ċint tal-għalqa fejn tagħlaq it-triq għax qiegħed perikoluż.

- Qal illi qed ikun hemm problema għall-ambulanza biex isibu t-triq peress li hemm żewġ toroq bl-isem ta' Triq il-Kaħwiela.

- Qal illi kuntrattur li qed jaħdem f'art bejn Triq il-Kaħwiela u Triq Ta' Lanza tefa' ammont ta' ġebel fit-triq.

Resident (6) :

- Talab li jsiru żewġ tabelli li jindikaw l-*area* tal-*Housing Estate* u l-*area* ta' Buleben iż-Żgħir.

- Talab li jsir xogħol ta' manutenzjoni tal-bankini u ċ-ċnut tas-*soft areas* kif ukoll il-bżonn ta' tindif u żbir ta' siġar.

Is-Sindku rreferi għat-talba biex issir *zebra crossing* fi Triq ix-Xgħajra u qal li din ser tiġi nkluża mal-proġett ta' *resurfacing* ta' Triq ix-Xgħajra.

Is-Sindku semma wkoll li ser tiġi rranġata art li tinsab fi Triq ix-Xgħajra kantuniera ma' Triq il-Kappuċċini.

Dwar il-problema li tinħoloq ħdejn it-*traffic lights* ta' Triq tal-Labour, is-Sindku qal li ser iressaq l-ilment tar-residenti għand Transport Malta peress li din it-triq taqa' fir-responsabbilità tagħhom.

Dwar il-parkeġġ ħażin li qed isir fi Triq Leli Tabone, is-Sindku qal li kien ser iressaq dan l-ilment għand il-pulizija u għand il-kumpanija LESA sabiex isir aktar infurzar. Resident (3) allega li l-gwardjani lokali jmorru fis-6.00 ta' filgħodu u jagħtu ċitazzjonijiet lil min iridu. Is-Sindku talab lil dan ir-resident biex jgħaddilu n-numru tal-gwardjani lokali u n-numru tal-vettura li jkunu biha. Is-Sindku spjega li l-Kunsill ser jgħaddi rapport lill-kumpanija LESA peress li l-infurzar ma jaqax taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill.

Is-Sindku qal illi l-Kunsill diġa ressaq it-talba tiegħu lil *Infrastructure Malta* sabiex Triq Spadaro u numru ta' toroq oħra jingħataw wiċċ ġdid.

Is-Sindku rrefera għat-talba biex isir *double yellow line* ma' garaxx fi Triq il-Fikus u qal illi kien ser jiċċekkja dwar dan il-każ.

Resident (7) ilmenta li fir-rapport ippreżentat mis-Sindku ma kienx hemm imsemmi xogħlijiet fl-*area* tal-*Housing Estate*. Hu rrimarka li kien qed isir xogħol ta' *patching* fi Triq il-Fikus u ma tkompliex.

Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ser jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fuq żewġ binjiet tal-Gvern; Blokk J u Blokk I. Xogħol ieħor li hemm bżonn li jsir ma ġiex imniżżel fir-rapport għar-raġuni li mhux ser isir mill-Kunsill iżda mill-Ministeru kkonċernat.

Resident (8) ilmenta li xi sewwieqa ma jagħtux każ tabelli u sinjali.

Resident (6) semma l-bżonn li jiġu rranġati ċ-ċnut li hemm fl-*area* tal-*Housing Estate* ħdejn il-garaxxijiet għax qegħdin ta' periklu.

Resident (9) staqsa f'liema stadju wasal il-proġett tal-Masġar taż-Żebbuġ u staqsa f'hix wasal il-proċess dwar il-ftuħ ta' *night shelter* għall-anzjani f'Ħaż-Żabbar. Resident (9) issuġġerixxa li tissemma triq għas-Sur Karmenu Bonavia.

Resident (10):

- Talab li tiġi rranġata parti mill-bankina u jitneħħew ir-rampi fi Triq il-Karmnu kif iddur minn Triq il-Kunvent.

- Semma l-ħtieġa li ssir *zebra crossing* fi Triq Wied il-Għajn fil-viċinanzi tar-*roundabout* ta' Triq is-Santwarju.

Resident (11):

- Staqsa f'hix wasal il-proċess tal-*bus shelter* 'Tal-Plier' u ressaq dawn l-ilmenti:

- Talab li tiġi mibdula t-tabella li tindika l-*area* tal-Plier għax tqaxxret.

- Qal li qed ikun hemm ħafna ħmieġ tal-klieb fuq il-konkos li sar mal-ħajt tas-sejjiegħ fi Triq Santa Marija, kif ukoll fi Triq il-Kappella Tal-Plier.

- Talab li terġa' teħel *camera* ħdejn il-*bring-in-sites* li hemm fl-*area* Tal-Plier għax għadu qed isir abbuż u jintrema ħafna skart madwarhom.

- Qal li qed iżomm ammont ta' ilma tax-xita mas-*central strip* fi Triq il-Mina ta' Hompesch.

- Talab li tinstab soluzzjoni minflok il-*bollards* eżistenti li hemm fi Triq Villabate fil-viċinanzi ta' Triq San Ġużepp peress li l-vetturi qed jaqsmu xorta waħda.

Resident (12) staqsa jekk il-Kunsill kellux il-ħsieb li jagħmel xogħol ta' manutenzjoni u jiġu rranġati l-isqaqien madwar Ħaż-Żabbar.

Resident (13) :

- Qal li qed ikun hemm sewqan eċċessiv fi Triq Villabate u fi Triq Sant' Antnin.

- Talab li tiġi mnaddfa u rranġata art mitluqa li hemm bejn Triq is-Silla u Triq it-Telliera.

- Talab sabiex il-Pjan ta' Ħidma jsir bil-lingwa Maltija.

Resident (14) talab li jiġi rranġat ħajt ta' għalqa li hemm fi Triq Bieb is-Sultan. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ma jistax jagħmel xogħol privat.

Resident (15) lmenta dwar il-kwantità ta' ilma tax-xita li jinżel minn Triq il-Kbira. Huwa talab sabiex isiru żewġ spralli oħra minn bankina għall-oħra fil-viċinanzi ta' Sqaq Sidtna tal-Mirakli.

Resident (16) spjega illi l-ispralli li hemm fi Triq il-Kbira mhux ilaħħqu mal-ammont ta' ilma tax-xita li jinżel minn din it-triq u b'konsegwenza ta' hekk qed ifur id-drenaġġ u jitħallat mal-ilma tal-bir.

Resident (17) ilmenta dwar il-ħmieġ tal-ħamiem li hemm fuq il-bankini fi Triq it-Tut ħdejn il-Barumbara. Huwa żied jgħid li hemm xi residenti li qed jitfgħu ħobż imxarrab bħala għalf għall-ħamiem u dan qed jeħel kollu mal-art. Dan ir-resident talab sabiex il-kennies imur aktar spiss biex inaddaf din it-triq.

Resident (18) :

- Irrimarka dwar it-*traffic island* li saret quddiem Lantas Petshop fi Triq ix-Xgħajra. Huwa qal li din qiegħda ta' periklu għas-sewwieqa.

- Talab li Triq iż-Żabrella tingħata wiċċ ġdid u wara jsiru s-sinjali taż-żebgħa peress il-vetturi qed jipparkjaw bl-addoċċ.

- Talab li jitwaħħlu *cameras* fi Triq Dun Salv Sciberras peress illi l-vetturi qed jgħaddu *wrong way*.

- Talab li tiżdied *road hump* oħra fi Triq Alessio Erardi fil-viċinanzi tal-Knisja tas-Salib Imqaddes. Is-Sindku spjega li biex il-Kunsill jaċċetta li jsiru iżjed *road humps*, l-ewwel irid ikollu bil-miktub mingħand ir-residenti tal-madwar li qed jaċċetta li teħel quddiem jew viċin ir-residenza tagħhom.

Resident (19) :

- Semma l-problema li hemm fi Triq Felice viċin Triq is-Santwarju dwar il-ħmieġ tal-ħamiem.

- Tkellem dwar il-problema ta' għargħar fi Triq Felice peress illi l-ilma tax-xita jaqleb għan-naħa tad-dar tiegħu u meta jgħaddu l-vetturi qed itir l-ilma mal-faċċata.

Resident (20) :

- Talab biex jinżabru s-siġar f' Buleben iż-Żgħir. Is-Sindku nfurmah li l-Kunsill daqt ikollu kuntrattur ġdid u x-xogħol ser jibda minn din iż-żona.

- Ilmenta li filgħodu joħroġ il-borża tal-iskart x'is-6.15 u ġieli sat-3 ta' wara nofsinhar tkun għada ma nġabritx. Is-Sindku wieġeb li l-kuntrattur irid jibda minn post u jispiċċa f'ieħor sakemm idur it-toroq kollha.

- Ilmenta li l-kuntrattur tal-*iscammel* qed jiġbor il-boroż tal-iskart organiku u l-boroż is-suwed flimkien u jħallat l-iskart.

- Talab sabiex il-Kunsill jibda jibgħat notifika f'kull residenza dwar l-attivitajiet li jkun ser jorganizza. Is-Sindku qal li meta tkun ser tiġi organnizata attività tal-massa l-Kunsill jibgħat avviż f'kull dar, imma għal attivitajiet oħrajn jixxandru avviżi fuq Radju Hompesch, fuq il-*media* soċjali u fin-*notice boards* tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Joseph Buttigieg issuġġerixxa li teħel *notice board* ġdida fiż-żona ta' Buleben iż-Żgħir.

Resident (21) :

- Ilmenta dwar is-sewqan eċċessiv u l-problema ta' nuqqas ta' spazji ta' parkeġġ fi Triq il-Kappuċċini.

- Talab li jitneħħew ir-ranep illegali li hawn fuq il-bankini peress li qegħdin ta' periklu għall-*pedestrians*.

Resident (22) talab sabiex *un/loading bay* li hemm fi Triq San Duminku fil-viċinanzi ta' Triq il-Kbira tersaq fl-istess triq imma aktar lejn Triq is-Santwarju fejn hemm aktar ħwienet. Is-Sindku talab lis-sidien tal-ħwienet sabiex jagħmlu talba formali.

Resident (23) lmenta li fil-festa il-ħasil tat-toroq sar tard wara nofsinhar. Is-Sindku spjega li qabel ma seta' isir il-ħasil tal-art, l-ewwel ried isir it-tindif u l-ġbir ta' skart mit-toroq u l-każini. Is-Sindku żied jgħid li din is-sena l-Kunsill ħa ħsieb li jinħaslu aktar toroq biex isir tindif aħjar.

Resident (24) :

- Feraħ lill-Kunsillieri eletti u rringrazzjhom għall-ħidma tagħhom.

- Talab lill-Kunsill sabiex jagħti prijorità lix-xogħol fuq it-toroq speċjalment Triq Bormla u Triq il-Kbira minħabba l-problema tal-għargħar.

- Issuġġerixxa li minn Triq Bormla u minn Triq il-Kbira m'għandhomx jitħallew jgħaddu vetturi kbar.

- Semma l-problema ta' għargħar fi Triq il-Mina ta' Hompesch.

- Ilmenta li meta jitqattgħu xi boroż tal-iskart, qed jitħallew il-fdalijiet mal-art.

- Talab sabiex il-pulizija iżidu r-ronda fil-bandli sabiex jonqos il-vandaliżmu.

- Talab li ssir tisqija regolari kull fejn hemm qsari u *soft areas* madwar il-lokalità.

- Talab sabiex il-Kunsill jagħmel kampanja edukattiva ħalli ma tibqax tippersisti l-problema tal-iskart peress illi kien hemm min ma joħroġx l-iskart skont l-iskeda.

Resident (25) ilmenta dwar il-problema ta' għargħar li hemm fi Triq il-Kbira, kif ukoll dwar l-ispralli li hemm fl-istess triq peress illi ġew irranġati diversi drabi u xorta waħda għadhom iħabbtu.

Resident (26):

- Ilmenta li Triq Villabate hemm l-ewwel parti tat-triq mingħajr dawl fit-triq.

- Talab li tiġi rranġata bankina fi Triq Spadaro.

- Talab ukoll li titranġa bankina mkissra li hemm fi Triq it-Telliera għax il-qiegħ tal-vettura tiegħu qed jaħbat mal-bankina. Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Bernice Farrugia żiedet tgħid li din it-triq hija sfrundata u taħt il-wiċċ tal-bankina huwa vojt.

- Talab li fil-bini tal-Kunsill għandu jkun hemm kontenitur għall-mediċini skaduti u labar tal-insulina użati.

Resident (27) :

- Talab li jitneħħew *double yellow lines* fi Triq Patri Taddew Schembri għax m'hemmx lok fejn jipparkjaw il-vetturi.

- Talab li jiżdied il-parkeġġ f'Misraħ San Nikola. Is-Sindku qal li fil-proġett ta' din il-pjazza hemm pjanat li jsiru aktar *parking bays*.

- Issuġġerixxa li jsir parkeġġ taħt l-art f'Misraħ San Nikola. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Agius qal illi dan il-proġett jirrikjedi spejjeż kbar biex isir.

- Talab sabiex iż-*zebra crossing* li hemm fi Triq l-10 ta' Settembru tersaq iktar 'il fuq għax qiegħda ta' periklu għas-sewwieqa li jkunu ġejjin minn Triq il-Mina ta' Hompesch. Is-Sindku spjega li l-Kunsill diġa ressaq din it-talba lil Transport Malta u qal li hemm problema minħabba li jridu jinqalaw xi siġar biex tersaq iż-*zebra crossing*. Is-Sindku żied jgħid ukoll li fuq in-naħa l-oħra tat-triq m'hemmx lok fejn issir bankina.

Resident (28) lmenta dwar vetturi li qed joħorġu minn Triq iċ-Ċikas lejn in-naħa tal-lemin minflok ma' jitilgħu jduru mal-Mina ta' Hompesch u qed joħolqu nkonvenjent għat-traffiku. Hu qal illi fit-toroq il-Kunsill jieħu ħsieb li jwaħħal it-tabelli li jkun hemm bżonn, pero' mhux kulħadd jobdi l-ordni. Huwa talab li jitwaħħlu aktar CCTV *cameras* fit-toroq.. Is-Sindku qal illi biex teħel *CCTV camera*, apparti l-ispiża finanzjarja, irid ikun hemm is-*supply* tad-dawl jew fejn teħel *solar system* kif ukoll ħaddiema li jagħmlu moniteraġġ. Hu żied jgħid li l-*cameras* jistgħu jsiru mill-qliegħ taċ-ċitazzjonijiet. Is-Sindku spjega li d-dħul miċ-ċitazzjonijiet imorru għand il-kumpanija tal-LESA.

Resident (29) mill-*Housing Estate* talab li jsiru *bollards* fi Triq il-Mina ta' Hompesch bi dritt Triq iċ-Ċikas. Is-Sindku wieġeb li dawn il-*bollards* ma jistgħux isiru minħabba l-vetturi li jkunu ġejjin mid-direzzjoni tal-Fgura lejn Ħaż-Żabbar u li jkunu jridu jidħlu fiż-żona tal-*Housing Estate*.

Resident (28) lmenta dwar l-ammont ta' ħmieġ ta' klieb li jkun hemm ta' kuljum fit-toroq kollha tal-*Housing Estate*. Hu talab l-għajnuna tal-Kunsill sabiex isir aktar infurzar billi jintbgħat gwardjan lokali kmieni filgħodu biex jinqabdu dawk il-persuni li joħorġu bil-klieb u ma jnaddfux warajhom.

Resident (30):

- Ilmenta dwar il-qtugħ ta' dawl li kien hemm fi Triq il-Kbira. Is-Sindku spjega li kienu qegħdin isiru xogħlijiet mill-Korporazzjoni Enemalta u sakemm dawn tlestew kellha tinqata' il-provvista tad-dawl temporanjament.
- Huwa lmenta li fi Triq il-Kbira qed isir xogħol f'residenza privata u ġieli qed tingħalaq it-triq b'xi makkinarju jew *skip*. Is-Sindku spjega li la darba r-resident li qed jagħmel ix-xogħol ikollu l-permessi kollha meħtieġa, dan għandu dritt ikompli bix-xogħlijiet tiegħu. Dan ir-resident lmenta li l-ħwienet kollha li hemm f'din it-triq qed ibagħtu minħabba din is-sitwazzjoni.

Resident (31) lmenta dwar l-ammont ta' ilma tax-xita li jinżel minn Triq is-Santwarju u jeqleb għal Triq Tumas Dingli bil-konsegwenza li qed iżomm ħafna ilma fuq ġenb wieħed tat-triq. Dan ir-resident irringrazzja lill-Kunsill talli kien għamel *road hump* fil-bidu tat-triq biex isservi bħala lqugħ għall-ilma imma sfortunatament din il-problema ma ssolvitx għax l-ilma xorta jgħaddi minħaba li r-*road hump* mhix qiegħda minn bankina sa bankina. Is-Sindku wieġeb li din ma tistax issir hekk. Is-Sindku żied jgħid li l-problema ta' għargħar żdiedet peress li meta kien sar xogħol ta' kostruzzjoni kien ingħalaq ġibjun.

Is-Sindku qal illi l-Kunsill lesta lista ta' bankini li jridu jiġu rranġati u qal li dawn ser jibdew isiru skond il-prijorità.

Dwar ir-rampi li hawn fuq il-bankini quddiem il-garaxxijiet, is-Sindku spjega li jekk il-bini ma jkunx nbena mal-livelli tat-triq, tkun inħolqot problema ta' diżlivell għal mal-bankini. Is-Sindku rrimarka li kull min ħoloq din il-problema għandu juża rampi tal-injam u mhux issir waħda permanenti fuq il-bankina bil-konkos.

Dwar il-*bus shelter* 'Tal-Plier' is-Sindku nfurma lill-pubbliku preżenti li l-proċess, li nbeda mill-Kunsill preċedenti, wasal fl-aħħar deċiżjonijiet pero' għad hemm il-problema li triq titwessa l-bankina u jersaq iċ-ċint tal-għalqa li jinsab 'isfel mil-livell tat-triq.

Is-Sindku qal li l-Kunsill diġa kellem lil Transport Malta sabiex jiġu rranġati l-*bollard*s li tqaċċtu fi Triq Villabate bi dritt Triq San Ġużepp.

Is-Sindku qal li l-Kunsill ser jerġa' jagħmel it-talba biex jerġgħu jitwaħħlu *cameras* mal-*bring-in-sites*.

Is-Sindku qal li sabiex jiġu rranġati l-isqaqien li hawn f'Ħaż-Żabbar, il-Kunsill ħa jipprova japplika għal xi skemi u forsi x-xogħlijiet jiġu nklużi mal-proġett ta' rranġar u tindif tal-ispralli ta' Triq il-Kbira.

Is-Sindku qal li hu ma jsibx oġġezzjoni għat-talba li saret biex issir *speed camera* fi Triq Villabate. Hu żied jgħid illi l-Kunsilli Lokali qed jingħataw persentaġġ mill-flus li jinġabru miċ-ċitazzjoni u dawn qed jingħataw fi skemi. Is-Sindku nforma lir-residenti li l-Kunsill applika għall-skema sabiex isir xogħol ta' restawr fin-niċeċ li hawn madwar il-lokalità.

Dwar l-art li tinsab bejn Triq it-Telliera u Triq is-Silla, is-Sindku spjega li l-Kunsill ma jistax jiżviluppha għar-raġuni li din hija art privata.

Dwar it-talba biex ir-rapport tal-pjan ta' ħidma jibda jsir bil-lingwa Maltija, is-Sindku qal li ħa jressaq din it-talba quddiem id-Dipartiment ikkonċernat.

Dwar il-ħajt ta' għalqa li tinsab fi Triq Bieb is-Sultan, is-Sindku qal illi din l-għalqa hija privata u l-Kunsill m'għandux dettalji tas-sid. Jekk xi ħadd ikun jaf min hu s-sid, dan għandu jgħaddi d-dettalji tiegħu lill-Kunsill ħalli jmexxi r-rapport.

Dwar il-problema tal-ħmieġ tal-ħamiem, is-Sindku qal li din diġa ġiet diskussa fl-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Hu żied jgħid li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali talbet lista ta' toroq fejn hemm din il-problema u li huma kienu ser joffru għalf għall-ħamiem li bih ma jerġax jipproduċi. Is-Sur Mark Grech żied jgħid li din l-inizjattiva diġa bdiet f'pajjiżi barranin u eventwalment ser tidħol f'Malta wkoll.

Dwar it-*traffic island* li saret fi Triq ix-Xgħajra quddiem Lantas Petshop, is-Sindku qal li ħa jsiru diskussjonijiet mal-periti u ħa jipprova li x-xogħol jiġi nkluż mal-proġett ta' Triq ix-Xgħajra.

Dwar it-talba biex tiġi rranġata Triq iż-Żabrella, is-Sindku nforma lir-residenti li din ġiet inkluża fil-lista ta' toroq li ġiet mgħoddija lil *Infrastructure Malta*.

Resident (18) qal illi vetturi qed jipparkjaw eżatt mal-*bollard* li hemm fi Triq il-Baħrija ma' Triq Monsinjur G Zarb bil-konsegwenza li mhux qed jitħalla aċċess biex jgħaddu n-nies bil-mixi. Is-Sindku qal li l-*bollard* eżistenti għandha titressaq fejn hemm iżjed wiesa' fit-triq biex ma jingħalaqx l-aċċess.

Rigward il-*u-bar* li ntalbet biex terġa' teħel fi Triq il-Kaħwiela, is-Sindku qal li din ser teħel fil-futur viċin.

Dwar it-talba biex issir *notice board* ġdida fl-area ta' Buleben iż-Żgħir, is-Sindku qal li ma jsib l-ebda oġġezzjoni li ssir.

Rigward ħsarat li jsiru fil-bandli, is-Sindku spjega li l-Kunsill għandu bżonn l-għajnuna tar-residenti billi jgħaddu rapport l-għassa ta' xi jkunu raw immedjatament. Imbagħad il-Kunsill jintalab mill-għassa biex jgħaddilhom il-filmat tal-*cameras* li hemm fl-istess bandli.

Is-Sindku qal li ser ikellem lill-kuntrattur tal-knis u jiġbidlu l-attenzjoni li l-ħaddiema tiegħu għandhom jilbsu lbies u tagħmir adekwat għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol tagħhom.

Is-Sindku qal li l-proġett tal-Masġar taż-Żebbuġ qed isir mid-Dipartiment tal-*Parks*.

Is-Sindku qal illi it-talba sabiex tissemma triq għas-Sur Karmenu Bonavia ser tiġi kkunsidrata.

Rigward it-talba sabiex isir *night shelter* f'Ħaż-Żabbar, is-Sindku qal li l-Kunsill diġa kellu laqgħa mal-Kurja.

Is-Sindku nforma lill-pubbliku li kellu diskussjonijiet sabiex ir-rotta tal-karozza tal-linja nru 124 tibda tgħaddi minn Triq il-Mina ta' Hompesch, iddur mal-mina u lura lejn il-Kottonera. Dan sabiex ir-residenti li joqgħodu fl-*area* tal-*Housing Estate* ikunu jistgħu jinqdew minn din ir-rotta wkoll.

Dwar it-talba biex isiru *bus shelters* fi Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok, is-Sindku qal li issa li l-*bus shelter* għaddew fir-responsabilità tal-Kunsill, hu qed jagħmel taħdidiet mal-periti li ħadu ħsieb il-proġett ta' din it-triq.

Resident (30) xtaq jiċċara l-punt illi hu mhux ma jridx li x-xogħlijiet privati li qed isiru fi Triq il-Kbira jitkomplew, iżda biex ma jinħoloqx inkonvenjent għas-sidien tal-ħwienet u talab sabiex il-kuntrattur jużа *skips* u makkinarji iżgħar biex ma tingħalaqx it-triq.

Is-Sindku spjega li l-problema fi Triq il-Kbira qed tiġi kkawżata għax kontinwament qed jgħaddu vetturi minn fuq l-ispralli. Is-Sindku qal li ma jistgħux isiru aktar *culverts* jekk ma jkunx hemm fejn imur l-ilma.

Resident (15) qal illi l-ispralli eżistenti mhux ilaħħqu mal-ammont tax-xita li jinżel minn din it-triq u b'konsegwenza t'hekk qed ifur id-drenaġġ fir-residenzi. Is-Sindku spjega li trid tiġi analizzata l-problema mhux fit-triq tiegħu biss iżda żona sħiħa.

Dwar id-dawl mitfi fi Triq Villabate, is-Sindku qal li l-Kunsill ħa jgħaddi r-rapport lil min hu kkonċernat.

Dwar il-kontenitur għall-mediċini, is-Sindku qal li ser iressaq din it-talba quddiem l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Ministeru tas-Saħħa.

Is-Sindku qal li meta jinfetħu l-fondi l-Kunsill ser japplika sabiex jiġu mnaddfa l-ġibjuni li hawn f'Ħaż-Żabbar.

Is-Sindku qal illi kien ser isir proġett pilota sabiex jonqos il-konsum tad-dawl speċjalment fl-istabbilimenti. Is-Sindku żied jgħid li tista' tibda l-inizjattiva li jintużaw basktijiet taċ-ċarruta minflok tal-plastik.

Resident (32) qal li laqgħat pubbliċi għandhom isiru iżjed spissi ħalli r-residenti jkollhom iċ-ċans li jressqu t-talbiet tagħhom.

Is-Sindku, f'isem il-Kunsillieri, irringrazzjak lill-pubbliku preżenti talli għoġobhom jattendu għal din il-laqgħa.

Il-laqgħa spiċċat fid-21.20 ta' filgħaxija.

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv